



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9184/21

COSI 106
ENFOPOL 202
CRIMORG 54
CYBER 160
ENFOCUSTOM 82
JAI 636

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 26 ta' Mejju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8665/21

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda
kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022 - 2025
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Mejju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022-2025, kif approvati mill-Kunsill fit-3796 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ISTABBILIMENT TAL-PRIJORITAJIET
TAL-UE GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ SERJA U ORGANIZZATA
GĦALL-EMPACT 2022-2025**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR li Ċiklu ta' Politika inizjali u mnaqqas tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja ġie implimentat bejn l-2012 u l-2013 abbażi tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità maqbulin mill-Kunsill fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2011¹, segwit minn Ċiklu ta' Politika tal-UE sħiħ bejn l-2014 u l-2017 abbażi tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità maqbulin mill-Kunsill fis-6 u s-7 ta' Ġunju 2013², u t-tieni Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT sħiħ bejn l-2018 u l-2021 abbażi tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità maqbulin mill-Kunsill fit-18 ta' Mejju 2017³,

FILWAQT LI JILQA' l-miżuri li ħadu l-Istati Membri flimkien mal-Aġenziji ĠAI u atturi rilevanti oħra biex jimplimentaw iċ-Ċikli ta' Politika tal-UE/EMPACT 2012-2013, 2014-2017 u 2018-2021, b'mod partikolari fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) u l-Jiem ta' Azzjoni Konġunta (JADs), li kkontribwew b'mod sinifikanti għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JINNOTA n-natura operazzjonali miżjuda tal-EMPACT⁴, li tippermetti li t-theddiet ewlenin li qed tiffaċċa l-UE jiġu indirizzati b'mod ikkoordinat u strutturat,

FILWAQT LI JIBNI fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-EMPACT, kif indirizzata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT 2022+⁵,

¹ 11050/11

² 12095/13

³ 9450/17

⁴ F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT 2022+ (6481/21) it-terminu "Ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja" ġie sostitwit bl-isem uniku "EMPACT" (*Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddied Kriminali*). Għalhekk il-bqija tad-dokument ser jirreferi biss għal "EMPACT".

⁵ 6481/21

FILWAQT LI JILQA' l-involvement kontinwu ta' sħab ġodda bħall-awtoritajiet doganali u amministrattivi u l-espansjoni tal-EMPACT inkluż l-involvement ma' sħab pubbliċi u privati oħra, kif ukoll sħab u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JAGĦRAF ir-rwol importanti tal-Koordinatur Nazzjonali tal-EMPACT (NEC) biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet marbuta mal-kriminalità u l-koordinazzjoni nazzjonali effettiva,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tat-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni rigward l-EMPACT u tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità fl-Istati Membri, u fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, kif ukoll tal-promozzjoni tal-ġarfien dwar l-EMPACT f'pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JAGĦRAF il-karattru globali tal-kriminalità organizzata u għalhekk id-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna u l-importanza li jiġu intensifikati u mtejbja aktar il-kooperazzjoni u l-assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp possibbli ta' "metodoloġija tal-EMPACT" barra mill-UE,

FILWAQT LI JINNOTA li f'konformità mal-metodoloġija tal-EMPACT u abbażi tas-SOCTA 2021 tal-Europol, il-Kunsill ser jidentifika l-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jiġi stabbilit għadd limitat ta' priyoritajiet ċari tal-UE b'rabta mal-kriminalità li jistgħu jiġu implimentati b'mod realistiku abbażi tal-OAPs annwali u/jew l-Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni (CHSGs) definiti fil-Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali (G-MASP),

FILWAQT LI JTENNI l-importanza tal-analiżi kriminali u l-approċċ integrali tal-EMPACT u li jenħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn il-prevenzjoni minn naħa u l-indirizzar tan-networks kriminali, l-istrutturi u l-mudelli tan-negożju tagħhom min-naħa l-oħra,

FILWAQT LI JILQA' l-Valutazzjoni tal-UE ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021 (sommarju eżekuttiv tas-SOCTA tal-UE)⁶ tal-10 ta' Marzu 2021, li tinkludi priyoritajiet rakkomandati tal-UE b'rabta mal-kriminalità,

⁶ 6818/21

FILWAQT LI JINNOTA li s-SOCTA tal-UE 2021 turi li x-xenarju tal-kriminalità organizzata huwa kkaratterizzat minn ambjent kriminali li jaħdem fi ħdan network li juża dejjem aktar vjolenza, korruzzjoni u abbuż ta' strutturi kummerċjali legali. In-networks kriminali jidhru li huma kapaċi jadattaw għall-bidliet fl-ambjent li joperaw fih u jikkapitalizzaw fuqhom. Għalhekk jenħtieġ li ssir enfasi speċjali [...] fuq l-indirizzar ta' networks kriminali ta' riskju għoli meta jiġu żviluppati l-G-MASP u l-OAPs fi prijoritajiet kriminali differenti,

FILWAQT LI JINNOTA li l-istrutturi tal-EMPACT u l-atturi kollha involuti għandhom iżommu ċertu livell ta' flessibilità biex jindirizzaw riskji u theddid mhux previsti li ma setgħux jiġu identifikati permezz tal-ippjanar tal-OAPs,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika (PAD) abbozzat mill-Presidenza u l-Kummissjoni Ewropea, ibbażat fuq il-Valutazzjoni tal-UE ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA tal-UE) tal-2021 u b'kont meħud ta' dokumenti strateġiċi, valutazzjonijiet u politiki oħra,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata u dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025 li tibni fuq il-kisbiet tal-passat u tidentifika linji ta' ħidma prijoritarji għall-protezzjoni tal-UE kontra gruppi ta' kriminalità organizzata, bid-dettalji tal-prijoritajiet, l-azzjonijiet u l-miri li għandhom jinkisbu bejn l-2021 u l-2025, fost l-oħrajn immirati lejn it-tisħiħ tal-istruttura eżistenti tal-EMPACT u FILWAQT LI JILQA' t-tisħiħ sostanzjali possibbli tal-fondi tal-EMPACT.

JISTIPULA L-PRIJORITAJIET LI ĠEJJIN, għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2022 u l-2025:

1) Networks kriminali ta' riskju għoli

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu identifikati u sfrattati networks kriminali ta' riskju għoli attivi fl-UE, bħal organizzazzjonijiet etniċi, ibbażati fuq il-familja u tat-tip mafjuż, u networks strutturati oħra, u individwi bi rwoli kritiċi f'dawn in-networks, b'enfasi speċjali fuq dawk in-networks kriminali li jdgħajfu l-istat tad-dritt bl-użu tal-korruzzjoni, dawk li jwettqu atti ta' vjolenza, inkluż l-intimidazzjoni, u jużaw l-armi tan-nar biex imexxu 'l quddiem l-għanijiet kriminali tagħhom, u dawk li jaħslu r-rikavat kriminali tagħhom permezz ta' sistema finanzjarja parallela mōħbija"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed), li jiffoka b'mod partikolari fuq il-gruppi kriminali ewlenin ta' riskju għoli li ilhom jeżistu u Għan Strateġiku Orizzontali Komuni wieħed (CHSG wieħed) skont il-prinċipji gwida li ġejjin li jenħtieġ li jiġu segwiti fil-fażi ta' implimentazzjoni:

- L-OAP jenħtieġ li jindirizza n-networks kriminali kollha ta' riskju għoli (HRCNs) b'fokus partikolari fuq il-gruppi ewlenin kriminali ta' riskju għoli li ilhom jeżistu. Dan jipprovdi aktar flessibbiltà u jinkludi l-possibbiltà li jiġu indirizzati, fejn rilevanti, HRCNs oħra, filwaqt li jibni wkoll fuq l-esperjenza miksba fl-immirar ta' gruppi ewlenin kriminali ta' riskju għoli li ilhom jeżistu. L-OAP jenħtieġ li jindirizza wkoll is-sottoelementi kollha inklużi fid-deskrizzjoni (armi tan-nar, ħasil tal-flus, korruzzjoni).
- Matul fażi pilota inizjali, l-OAP ser jiġi żviluppat f'approċċ "pass pass", li jibda mill-fokus fuq l-azzjonijiet li jiżviluppaw l-istampa tal-intelligence u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet/taħriġ, fl-ewwel pass. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mill-qrib tal-Mexxej tal-OAP mal-Mexxejja ta' OAPs oħra, inkluż ir-rwol tal-koordinatur tas-CHSG.
- Barra minn hekk, l-OAP jenħtieġ li jiġi kkomplementat minn CHSG, li, flimkien mal-funzjoni li għadha kif ġiet stabbilita ta' koordinatur tas-CHSG, jippermetti approċċ koerenti fl-OAPs kollha, jevita l-ħolqien ta' "silos", jgħin biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni tax-xogħol u jiżgura aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-OAPs. Il-kompromess propost jippermetti wkoll li l-prijoritajiet ibbażati fuq il-komoditajiet jindirizzaw l-HRCNs kollha.
- Il-metodu ta' implimentazzjoni ser jiġi rieżaminat mill-COSI mhux aktar tard mis-sajf tal-2023, wara r-rapport interim dwar it-theddid ġdid, li qed jinbidel u emerġenti ("SOCTA tal-UE ta' nofs it-terminu"). Ser jitwettaq monitoraġġ regolari tal-metodu ta' implimentazzjoni permezz tan-networks tal-NECs. Jekk tiġi identifikata ħtieġa operazzjonali f'dan il-kuntest u din tingħieb għall-attenzjoni tal-COSI, il-metodu ta' implimentazzjoni jista' jiġi rieżaminat u adattat kif xieraq qabel id-data stabbilita hawn fuq.

2) Attakki ċibernetiċi

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu mmirati t-trasgressuri kriminali li jorganizzaw attakki ċibernetiċi, b'mod partikolari dawk li joffru servizzi kriminali speċjalizzati online."*

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-OAP dwar iċ-
"ċiberattakki" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

3) Traffikar ta' bnedmin

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu sfrattati n-networks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin għall-forom kollha ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament tax-xogħol u dak sesswali, u b'enfasi speċjali fuq dawk li jisfruttaw il-minorenni għall-kriminalità sfurzata; dawk li jużaw vjolenza kontra l-vittmi u l-familji tagħhom, jew jhedduhom biha, jew iqarrqu bil-vittmi billi jissimulaw l-uffiċjalizzazzjoni tal-isfruttament; dawk li jirreklutaw u jirreklamaw vittmi online, u li jingħataw servizzi minn sensara li jipprovdu servizzi diġitali"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità "It-Traffikar ta' Bnedmin" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

4) Sfruttament sesswali tat-tfal

L-għan ta' din il-prijorità huwa li *"jiġi miġġieled l-abbuż tat-tfal online u offline, inkluż il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal ta' abbuż tat-tfal kif ukoll l-isfruttament sesswali tat-tfal online"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-OAPs dwar "L-Isfruttament Sesswali tat-Tfal / L-Abbuż Sesswali tat-Tfal" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

5) Faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu miġġielda n-networks involuti fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari dawk li jipprovdu servizzi ta' faċilitazzjoni lill-migranti irregolari tul ir-rotot migratorji ewlenin li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE u dawk involuti fil-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji u l-legalizzazzjoni tal-istatus ta' residenza fl-UE, b'enfasi partikolari fuq dawk li l-metodi tagħhom iqiegħdu l-ħajjiet tan-nies fil-periklu"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-prijorità "Il-Faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

6) Traffikar tad-droga: il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina; il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ)

Din il-prijorità kriminali tal-UE "it-traffikar tad-droga" tiġbor flimkien żewġ sottoprijoritajiet u tiġi implimentata f'żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali separati (żewġ OAPs). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità "It-Traffikar tad-Droga" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

a. Il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *"li (1) jiġu identifikati u mmirati n-networks kriminali involuti fit-traffikar bl-ingrossa tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina lejn l-UE, li (2) jiġu miġġielda n-networks kriminali involuti fil-kultivazzjoni, il-produzzjoni, it-trasformazzjoni u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina fl-UE."*

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

b. Il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni ta' drogi sintetiċi u SPĠ

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *"li jiġu identifikati u mmirati n-networks kriminali involuti fil-produzzjoni u l-provvista globali ta' drogi sintetiċi u SPĠ fl-UE"*.

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

7) Frodi, kriminalità ekonomika u finanzjarja: Skemi ta' frodi online, frodi tas-sisa, frodi MTIC, kriminalità b'rabta mal-Proprietà intellettwali (IP), falsifikazzjoni ta' oġġetti u muniti, finazzi kriminali, ħasil tal-flus u rkupru tal-assi

Din il-prijorità kriminali tal-UE dwar "frodi, kriminalità ekonomika u finanzjarja", tikkonsisti f'fames sottoprijoritajiet u jenħtieġ li tiġi implimentata f'fames Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali separati (fames OAPs).

Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijoritajiet "Frodi tas-sisa/MTIC", "Frodi fil-mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti" u "Finazzi Kriminali, Ħasil tal-Flus u Irkupru tal-Assi" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

a. Skemi ta' frodi online

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa "li jiġu mmirati kriminali individwali u networks kriminali li jorganizzaw skemi ta' frodi online fuq skala kbira kif ukoll frodi u falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti bil-għan li jiffrodaw lil individwi privati (fosthom persuni vulnerabbli b'hall-anzjani), negozji u organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku, b'mod partikolari dawk li jiġġeneraw dħul ta' diversi miljuni ta' euro fis-sena u li jużaw pjattaformi online biex jestendu l-firxa tal-iskemi qarrieqa tagħhom biex jolqtu għadd kbir ta' vittmi".

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

b. Frodi tas-sisa

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa "li jiġu mmirati networks kriminali u kriminali individwali involuti fil-frodi tas-sisa fuq skala kbira b'fokus partikolari fuq il-produzzjoni u/jew it-traffikar ta' prodotti tat-tabakk illeċiti fl-UE."

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

c. Frodi MTIC (VAT)

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *"li tiġi sfrattata l-kapaċità tan-networks kriminali u l-intraprendituri kriminali individwali involuti fil-frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC)"*.

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

d. Kriminalità b'rabta mal-Proprietà intellettuali (IP), Falsifikazzjoni ta' oġġetti u muniti

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa li *"jiġu miġġielda u sfrattati n-networks kriminali u l-intraprendituri kriminali individwali involuti fil-kriminalità b'rabta mal-proprjetà intellettuali u fil-produzzjoni, il-bejgħ jew id-distribuzzjoni (fiżika u online) ta' oġġetti jew muniti ffalsifikati, b'fokus speċifiku fuq oġġetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, lill-ambjent u lill-ekonomija tal-UE."*

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed).

e. Finanzi kriminali, il-Ħasil tal-Flus u l-Irkupru tal-Assi

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa li *"jiġu miġġielda u sfrattati n-networks kriminali u l-individwi kriminali li huma involuti fil-finanzi kriminali u fil-ħasil tal-flus, u jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-assi bil-ħsieb li jiġi kkonfiskat b'mod effettiv il-qliġħ mill-kriminalità, speċjalment billi tiġi appoġġata t-tnedija awtomatika ta' investigazzjonijiet finanzjarji u tiġi żviluppata kultura ta' rkupru tal-assi permezz ta' taħriġ u kondiviżjoni tal-intelligence finanzjarja, billi jiġu mmirati s-sindakati tal-ħasil tal-flus li joffru servizzi ta' ħasil tal-flus (inkluż il-kurriera ta' flus miksuba illegalment u l-ħasil tal-flus ibbażat fuq il-kummerċ) u dawk in-networks kriminali li jagħmlu użu estensiv minn metodi ġodda emerġenti ta' pagament biex jaħslu r-rikavat kriminali jew jaħslu r-rikavati kriminali tagħhom permezz ta' sistema finanzjarja legali jew parallela moħbija."*

Din is-sottoprijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed) u Għan Strateġiku Orizzontali Komuni wieħed (CHSG wieħed). Ser ikollhom jiġu żgurati delineazzjoni u koordinazzjoni ċari tan-"networks kriminali ta' riskju għoli".

8) Kriminalità Organizzata b'rabta mal-Proprietà

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu sfrattati networks kriminali involuti f'serq mid-djar u serq organizzat, serq aggravat bi vjolenza organizzat, kriminalità b'rabta ma' vetturi bil-mutur u kummerċ illegali f'oġġetti kulturali, b'fokus speċjali fuq dawk li huma mobbli ħafna u li joperaw madwar l-UE"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità "Kriminalità Organizzata b'rabta mal-Proprietà" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

9) Kriminalità Ambjentali

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu sfrattati networks kriminali involuti fil-forom kollha ta' kriminalità ambjentali, b'fokus speċifiku fuq it-traffikar tal-iskart u tal-organiżmi selvaġġi, kif ukoll fuq networks kriminali u intraprendituri kriminali individwali b'kapaċità li jinfiltraw strutturi kummerċjali legali f'livell għoli jew li jistabbilixxu kumpanniji tagħhom sabiex jiffaċilitaw ir-reati tagħhom"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità "Kriminalità Ambjentali" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

10) Traffikar ta' armi tan-nar

L-għan ta' din il-prijorità huwa *"li jiġu mmirati networks kriminali u kriminali individwali involuti fit-traffikar, id-distribuzzjoni u l-użu illeċiti tal-armi tan-nar"*.

Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi implimentata fi Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali wieħed (OAP wieħed). Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità "Traffikar Illeċitu ta' Armi tan-Nar" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali. Ser ikollhom jiġu żgurati delineazzjoni ċara u koordinazzjoni fil-ġlieda kontra n-"networks kriminali ta' riskju għoli".

4. THEDDID TRASVERSALI

1) Frodi tad-dokumenti: *"biex tiġi miġġielda l-frodi tad-dokumenti fl-UE, bil-mira fuq in-networks kriminali u l-intraprendituri kriminali individwali involuti fil-produzzjoni u l-forniment ta' dokumenti foloz u frodulent li kriminali oħra".*

It-theddida tal-frodi tad-dokumenti jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' għan strateġiku orizzontali komuni (CHSG). Peress li l-frodi tad-dokumenti hija faċilitatur ewlieni għal ħafna reati kriminali, jenħtieġ li l-esperti dwar il-frodi tad-dokumenti, fejn rilevanti, jappoġġaw lill-esperti dwar il-prodotti bażiċi.

Jenħtieġ li jitqiesu kif dovut l-esperjenzi miksubin mill-implimentazzjoni tal-prijorità trasversali "Frodi tad-dokumenti" fiċ-Ċiklu tal-EMPACT attwali.

FILWAQT LI JTENNI l-ħtieġa li titkompla l-għlieda kontra t-theddid kollu tal-kriminalità, inkluż dawk li mhumx preżenti fiċ-ċiklu l-għdid tal-EMPACT, kemm fil-livell nazzjonali/reġjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, u fejn meħtieġ ma' pajjiżi terzi u sħab internazzjonali.

FILWAQT LI JAPPELLA lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet, lill-aġenziji u lill-korpi tal-UE, kif ukoll lin-networks Ewropej u lill-gruppi ta' esperti, biex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jiżguraw implimentazzjoni operazzjonali effettiva tal-EMPACT, li teħtieġ biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji kif ukoll sensibilizzazzjoni. Il-parteciġazzjoni ta' esperti u l-għoti adegwat ta' setgħa lilhom huwa meħtieġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-G-MASP u l-OAPs,

FILWAQT LI JAPPELLA lill-atturi kollha jassumu, fejn rilevanti, ir-rwol ta' muturi, komuturi u mexxejja tal-azzjoni u koordinaturi tal-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni, għall-prijoritajiet rispettivi tal-UE b'rabta mal-kriminalità,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-isforzi meħtieġa mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE fil-livell tal-UE, u lil hinn sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni l-aktar effettiva u effiċjenti tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità,

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, inkluż l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, jenħtieġ li jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib u regolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità, u b'hekk jiżguraw approċċ multinazzjonali, multidixxiplinari u li jinvolvi aġenziji differenti. Kooperazzjoni tajba bejn il-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u tal-kosta, l-awtoritajiet doganali, tat-taxxa, u dawk ġudizzjarji u amministrattivi, kif ukoll mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, in-networks Ewropej u l-gruppi ta' esperti kif ukoll is-setturi pubbliċi u privati, fejn rilevanti, hija kruċjali f'dan ir-rigward,

JAGĦTI STRUZZJONIJIET lill-COSI, biex jikkoordina, jappoġġa, jimmonitorja u jevalwa l-implimentazzjoni tal-G-MASP u tal-OAPs. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari kemm lill-valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll dik finali tar-risultati tal-azzjonijiet biex titkejjel il-kisba tal-għanijiet strateġiċi,

JISTIEDEN LILL-COSI, fejn rilevanti, biex jikkollabora mal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill, mal-Aġenziji tal-ĠAI, mal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jallinjaw l-attivitajiet rilevanti tagħhom mal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità. Il-Presidenzi li jmiss huma mistiedna jieħdu kont ta' dan meta jħejju l-programmi tal-gruppi ta' ħidma rispettivi tal-Kunsill, JISTIEDEN lill-korpi preparatorji kollha tal-Kunsill, b'konsiderazzjoni dovuta għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, biex jieħdu kont ta' dawn il-prijoritajiet fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom,

JISTIEDEN lill-Istati Membri, l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, in-networks Ewropej u l-gruppi ta' esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jieħdu kont tal-prijoritajiet il-ġodda tal-UE b'rabta mal-kriminalità għall-2022-2025 fir-rigward tal-istrateġiji, il-pjanijiet u l-programmi ta' ħidma tagħhom u bil-ħsieb li jappoġġaw u jsaħħu l-EMPACT kif ukoll l-implimentazzjoni tal-OAPs,

JISTIEDEN LIS-CEPOL u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha biex jikkoordinaw il-ħidma tagħhom, bil-ħsieb li jirriflettu l-prijoritajiet tal-EMPACT fl-inizjattivi kollha ta' taħriġ u tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod konsistenti,

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-aġenziji tal-UE u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jesploraw il-possibbiltà li jżidu l-fondi tal-EMPACT u biex jikkunsidraw l-aspetti kollha tal-proċess finanzjarju sabiex jiġi żgurat li jkun disponibbli finanzjament adegwat biex jappoġġa b'mod effettiv l-attivitajiet tal-EMPACT fiż-żmien rilevanti,

JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-atturi rilevanti biex minbarra l-approċċ tradizzjonali bbażat fuq il-ġustizzja kriminali, jużaw b'mod attiv approċċi u strumenti alternattivi u komplementari biex jiġġieldu l-kriminalità serja u organizzata,

JISTIEDEN lill-Europol, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u ma' aġenziji, istituzzjonijiet u korpi rilevanti oħra tal-UE, biex iħejji matul l-2023 rapport interim dwar theddid ġdid, li qed jinbidel jew emerġenti, filwaqt li jagħti attenzjoni lill-prijoritajiet deċiżi tal-UE b'rabta mal-kriminalità u s-SOCTA tal-UE, kemm abbażi tar-rekwiżit approvat mill-COSI kif ukoll b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni indipendenti.
